# ŻEWĠ ŻRIERAGĦ

*Ta'* Fr. D. MINTOFF, O.F.M.

Anton kien missier twajjeb. Xortih ma tantx kienet tajba! Kellu familja ta' tnejn minn nies. Mhux tgħid familja kbira. Imma kellu taħbit daqs li kienu tnax.

Mid-dar għax-xogħol u mix-xogħol għad-dar. Fuq ix-xogħol iħabbat wiċċu ma' mgħallem li kellu id tal-ħadid. U id tal-ħadid titħan id tal-laħam. Kieku kellu jagħsar il-flus li kien idaħħal fil-ġimgħa kien joħroġ minnhom għaraq u dmugħ.

Fid-dar kellu mara li tħoll u torbot hi. Huwa r-raġel għax bil-mustaċċi u għax jilbes is-sidrija u l-qalziet twil. U bil-ħaqq għax iġib il-flus fl-aħħar tal-ġimgħa. Raġun ma għandu qatt.

Mal-mara kellu żewġ ulied: żagħżugħ u żagħżugħa. Żewġ slaleb. Iż-żagħżugħ kellu rasu tajba u jixrob f'nifs kulma tgħidlu. Imma ġismu kien mejjet mindu twieled.

Iż-żagħżugħa kien qisha kolonna taż-żonqor. Twila u mbbaċċa. Saħħa kellha biex tbigħ. Għaqal ma kellhiex b'sitt ħabbiet.

Tassew żewġ slaleb li jridu jintrefgħu ta' kuljum minn Anton u Karmena l-mara tiegħu. Biss jekk Karmena tkun bil-geddum, is-salib kollu jintrefa' minn Anton.

Il-lum Karmena sebħet minn fil-għodu b'geddum sa l-art. Anton xammha li ġej jum kiefer. Għall-ewwel bil-kemm ma kenux se jitilgħulu. Imma f'daqqa waħda ntebaħ li Karmena kellha gelgul dmugħ ħiereġ minn għajnejha.

Staqsa x'kien ġara. Karmena ma weġbitx. Biss ħarset lejn iż-żewġ sodod li fuqhom kien hemm reqdin uliedha.

Anton ma tkellimx anqas. Kien fehem kollox.

Inħasel fuq fuq. Mar għax-xogħol bħas-soltu.

L-imgħallem ġie għax-xogħol kwarta wara l-ħin. Ma kienx laħaq il-karrozza tal-linja. U miegħu weħel kulħadd.

Kull minuta bdiet tidher siegħa. Imma fl-aħħar il-ħin sar. Kien jum ta' thewdin u taqtigħ ta' qalb.

L-għeja tkiddek, imma n-niket jifnik. Anton kien iħoss bħal ċappa demm ġo moħħu u bħal ċpar quddiem għajnejh.

Dik il-lejla ried jinsa l-bank iebes tax-xogħol u l-hemm kiefer tad-dar. Ma xtaqx jidħol id-dar jekk ma jsibx kliem ta' faraġ xi jgħid lil Karmena.

Fl-istess ħin ried li jistrieħ. Il-mistrieħ huwa ħlieqa ta' Alla wkoll. Biss mhux dejjem wieħed jista' jieħdu.



Anton qabad miexi għal għonq it-triq. Ma ried jara 'l ħadd b'għajnejh. Ħareġ barra mill-Belt. Sab ruħu qalb ir-raba'. Kollox ħemda. Is-skiet kien qed iserrħu.

Xi ħlewwa niżlitlu f'qalbu, meta waħdu, f'dik is-siegħa ħiemda ta' fil-għaxija qagħad bil-qiegħda fuq ġebla ħdejn ħajt ta' għorfa se taqa' u ma taqax.

Iż-żrar kien iħaxwex taħt riġlejh. Id-difa tas-sema mberraħ kien iħeġġeġ fuq rasu.

Kien iħares lejn ix-xemx, nieżla qajl qajl, lil hinn mix-xefaq fil-bogħod.

Iż-żiffa safja tfewweġ ma' wiċċu u tilgħab ma' żewġ beżbużiet xagħar li kien jissellef biex igħatti l-qurriegħa ta' rasu. Ħarstu kienet miftuħa u ħosbiena. Kien qisu qed joħlom. Bil-kemm ma kienx se jorqod.

Imma ċ-ċekċik ta' serratura u ċ-ċaqliq ta' xatba ġibuh f'sessih. Minn l-għorfa kien ħiereġ bidwi mgħawweġ tnejn. Kien imgħobbi biż-żmien u, barra minn hekk, fuq spallejh kellu żewġ xkejjer. Xagħru abjad qotna. Nieqes daqsxejn mis-smigħ. Għalkemm għajnejh fil-ħofra kien jara daqs seqer. U mill-ewwel lemaħ 'l Anton.

Resaq lejh u staqsa:

— Qed tfittex lil xi ħadd, ħabib?

— Le... xejn minn dan... u tridx ngħinek f'dik l-ixkora......?

Ix-xiħ ma ħalliehx itemm il-kelma. Waqt li niżżel fl-art l-ixkejjer ħall tajjeb l-għoqod tat-tarf tagħhom, ħareġ ponn żrieragħ minn kull xkora u reġa' beda jitħaddet:

— "Ġejt qgħadt hawn għax ma tafx din l-għorfa kemm hi riżqha ħażin. Qed tara dawn iż-żrieragħ? Dan hu ġidi kollu. Tgħidx kemm batejt sakemm xtrajthom. Dawk kollha biex jintremew. Xkora minnhom kienet maqfula fil-għorfa u l-oħra mxerrda fil-għalqa. It-tnejn mhumiex tajbin. L-ewwel xkora kienet maqfula, ma rat qatt xita u dbielet. It-tnejn spiċċaw. Mhux ħtija tagħhom. Xemx u xita Alla jaf meta. Imma Alla ma jinsa lil ħadd."

Anton baqa' jisma' mnixxef. Kellu ġenn sakemm jerġa' lura lejn id-dar biex itenni lil Karmena l-ġrajja taż-żewġ żrieragħ.